MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 69/8 (Kontinwazzjoni tal-Laqgha Nru 68)

It-Tnejn 4 ta` April 2022

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja Itaqa' online permezz tas-sistema ZOOM fil-hamsa ta` filghaxija (5:00pm). Il-Laqgha giet mxandra fuq il-pagna tal-facebook tal-Kunsill.

**PREŻENTI:**

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Marija Micallef – Kunsilliera

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: MS Vella; Viċi-Sindku: JM Calleja; Kunsilliera: MA Sammut, S. Caruana u M. Micallef

## AĠENDA

069.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

069.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti ( 65/8 [15/02/2022], (66/8 [21/02/2022]), (67/8 [24/02/2022])

069.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

069.4 Rapport Finanzjarju ta` Kull Kwart tas-Sena (Jan-Dic 2021);

069.5 Business Plan 2022-2024;

069.6 Europe for Citizens Project: YOUNITED;

069.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

069.8 Rapporti;

069.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Ġnien Raymond Caruana – progress
d. Mizura 4.4: Hitan tas-Sejjieh

069.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

069.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-hamsa u ghoxrin ta` filghaxija (5:20pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 069.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li s-Sinjorina Maria Micallef talbet sabiex tigi skuzata. Dawk prezenti accettaw l-ittra ta` apogija.

### 069.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti ( 65/8 [15/02/2022], (66/8 [21/02/2022]),(67/8 [24/02/2022])

Dan l-item gie diskuss fil-laqgha nru 68 (08)

### 069.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

069.3.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-applikazzjoni li trid isir mall-Lands Authority ghal Gnien Glormu Cassar. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

069.3.2 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-parkegg ta` disabled saru fi Triq Dorell mad-dawra tal-Gnien Glormu Cassar. Is-Sindku tablet sabiex wiehed mill-parkeggi jintehha u jsir f`parti ta` triq ohra. Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jinforma lir-residenti dwar dan.

069.3.3 Giet prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva dwar double yellow line ta` Triq il-Palma. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien mar biex jaghmel is-sinjali imma sfortunatament il-haddiema tal-Kunsill ma thallewx jaghmlu xoghol.

069.3.4 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet mill-ghaqda Santa Marija dwar l-arblu tac-central strip fi Triq R.Caruana, fejn il-monument tal-Ghaqda Marija Assunta kien ser jigi fl-istess post tal-arblu. Il-Kunsillier MA Sammut qal li l-pjanta li l-Kunsill kien bghat lid-Dipartiment hija differenti minn dik li giet applikata mall-PA. Is-Sindku qalet li zewg ghaqdiet kienu qed jitkellmu bejniethom biex jintlahaq ftehim. Il-Vici Sindku JM Calleja propona sabiex ic-central strip ta` Vjal it-Torri tigi raised u l-arblu jsir hemm u kull ghaqda flimkien mall-Kunsill jaghmlu uzu minn dan l-arblu fil-festi jew f`okazzjonijiet ohra. Dwar dan il-Kunsill qabel li japplika ma` TM biex tigi raised ic-central strip ta` Vjal it-Torri. Il-Kunsillier S Caruana qal li ghandu jigi stabilit protokol dwar permessi li jitrattaw monumenti fil-Gudja.

069.3.5 Gie prezentat u moqri rapport li jigi mhejji mill-Contracts Manager. Is-Sindku proponiet sabiex tinhareg default notice ghax-xahar ta` Marzu lill-kuntrattur responsabbli miz-zamma ta` gonna.

069.3.6 Is-Sindku ghamlet referenza ghaz-zewg impjegati godda tal-CWES, fejn persuna minnhom giet ingagata flok Bertu u l-persuna l-ohra bhala cleaner.

069.3.7 Is-Sindku ghamlet referenza dwar il-Gnien Glormu Cassar fejn il-Kunsill kien mitlub ihallas xi fee sabiex jsiru l-applikazzjonijiet ma` Lands Authority.

069.3.8 Is-Sindku proponiet sabiex il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita ssir nhar il-Gimgha 8 ta`April ghal fatt li fit-12 t`April kienet ser isir il-purcissjoni ta` Duluri.

Fis-6.10pm il-Kunsllier MA Sammut talab sabiex jigi skuzat mill-laqgha.

**069.4 Rapport Finanzjarju ta` Kull Kwart tas-Sena (Jan-Dic 2021)**

Is-Sindku prezentat ir-Rapport Finanzjarju ghar-raba` kwart tas-sena (Jan-Dic 2021). Ir-rapport gie approvat unanimament.

**069.5 Business Plan 2022-2024**

Is-Sindku prezentat il-Business Plan ghas-sena 2022 sa` sena 2024 ghal dawn it-tlett snin li gejjin. Dan ir-rapport gie approvat unanimament.

**069.6 Europe for Citizens Project: YOUNITED**

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-konferenza li ser isir gewwa Malta bejn it-2 u s-6 ta` Mejju 2022, fejn il-Kunsill Lokali tal-Gudja ser jospita madwar 25 delegat minn hames pajjizi differenti. Is-Sindku ziedet tghid li l-konferenza ser isir fuq zewg nofs ta` nhari u ser isir gewwa Forti Sant`Anglu. Is-Sindku proponiet sabiex il-Kunsill jitlob is-sehem ta` zghazagh sabiex jippartecipaw fil-konferenza u sabiex il-kunsilliera jaghtu l-ghajnuna taghhom ghal matul dawn il-granet. Is-Sindku prezentat il-programm tal-attivitajiet ta` matul dawn il-hames t`ijiem.

**069.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

069.7.1 Il-Vici Sindku JM Calleja qal li l-open skip fi Triq B`Bugia qed tintuza mir-residenti ta` dik iz-zona.

069.7.2 Il-Vici Sindku propona sabiex isiru sinjali ghall-parkegg fi Triq W.Baker minn mall-confectionery lejn il-kazin tal-labour.

069.7.3 Il-Vici Sindku talab sabiex isir kaxxa tad-disabled fil-pjazza vicin il-Knisja. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

069.7.4 Il-Vici Sindku propona sabiex isir kaxxa bajda fi Triq R.Caruana kantuniera ma` Triq Santa Marija. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

069.7.5 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex il-Kunsill jitlob lill-kumpanija Green MT sabiex tizdied gurnata ohra biex isir il-gbir ta` skart riciklabbli.

069.7.6 Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza ghall-inizjattiva ta` dekorazzjonijiet ta` slaleb fit-toroq, fejn l-ghaqdiet qed jitolbu somma ta` elf ewro sabiex ikunu jisghtu jsiru. Il-Kunsill approva li jaghti elf ewro lil kull ghaqda biex taghmel u tarma l-islaleb.

**Rapporti**

**069.8** Dan l-item gie diskuss f`item tal-Agenda nru 69.4

**Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

**069.9**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**
c. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
d. **Mizura 4.4: Hitan tas-Sejjieh**

**Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**069.10** Il-pagamenti nru 35/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsillier MA Sammut u ssekondata mill-Vici Sindku JM Calleja għall-ammont totali ta' € 132,479.36 u ġiet approvata nem con.

**Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-Seduta li jmiss**

**069.11** Il-Laqgha ntemmet fis-sebgha neqsin kwart ta` filghaxija (6.45pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgħa għal nhar it-Tlieta 26 ta` April 2021 fil-5:00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum It-Tlieta 26 ta' April 2022

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekutti